**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 39**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar 2022 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**39.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Approvazzjoni ta' Minuti Nru 38**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 38, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 38 ġew approvati b'mod unanimu.

**39.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2021.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet

**39.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**39.3.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu talba mingħand is-Sorijiet Franġiskani sabiex issir manutenzjoni tar-rampa li għandhom mal-Kunvent fi Triq il-Kbira. Is-Sindku nfurma li se tkun qed tintalab stima lill-kuntrattur tal-Kunsill, sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

**39.3.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nġabru 3 stimi sabiex jingħata servizz liċ-ċittadini qriema, sabiex ikun possibli li jagħmlu formatting u manutenzjoni mingħajr ħlas tal-laptops u computers tagħhom. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hu possibli li l-Kunsill ikollu lista ta' x'servizzi ingħataw u min kienu dawk il-familji li għamlu użu minn dan is-servizz. Is-Sindku nfurma li minħabba l-GDPR ma jkunux jistgħu jingħataw ismijiet, iżda l-Kunsill jista' jitlob liema kienu dawk is-servizzi l'aktar mitluba.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat email mibgħuta minn The Notebook Centre.

**39.3.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li sal-aħħar tal-ġimgħa se jiġu ppreżentati l-pjanti tar-rinnovar ta' Ġnien l-Armier. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara ssuġġeriet li l-pjanti jiġu ppubblikati fuq is-social media għall-feedback tar-residenti.

**39.3.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-ixkaffar tal-librerija daqt jasal u jibda' l-proċess ta' trasferiment sabiex tiġi inawgurata.

**39.3.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li qed nistennew il-Compliance Certificate sabiex inġibu d-dawl fi Ġnien Renald Falzon.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kien hemm xi diffikultajiet bil-proġett tal-wied u qed isiru pjanti ġodda minn WastServ. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara pproponiet li l-pjanti tal-proġett jiġu ppubblikati fuq is-social media għall-feedback tar-residenti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ġew installati bosta cameras madwar il-lokalita'. Is-Sindku nfurma wkoll li se jiġu nstallati sett ieħor fil-pic-nic area u Vjal de la Cruz. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa hux possibli li jiġu nstallati aktar cameras fi Pjazza tal-Granmastru, filwaqt li l-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hux possibli li ssir oħra fiz-zona tal-Kappella ta' Santa Katerina, fi Triq Santa Katerina.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li jidher li l-hotspots kollha ġew milħuqa għalissa. Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li tinħadem policy dwar l-installar ta' cameras fil-lokalita', sabiex il-Kunsill ikollu linji gwida.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-okkażjoni ta' Jum San Valentinu se tkun qed tingħata pjanta lill-anzjani li jattendu l-Qormi Day Centre. Bħala spiża se tkun ta' madwar € 220. Il-Kunsill approva.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkun qed jitkellem mal-perit tal-Kunsill sabiex jinbeda x-xogħol ta' nstallar ta' rain water culverts. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara ġibdet l-attenzjoni li Infrastruttura Malta għaddiet stima u pjanta għal rainwater culvert minn Triq id-Deheb Fin għal Triq ix-Xitwa bl-istima tammonta għal qrib € 450,000. Il-viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li meta tikkumpara l-istima li ġiet ippreżentatha mill-Perit tal-Kunsill mal-istima ta' Infrastruttura Malta, hemm diskrepanza kbira fir-rati, għaliex triq waħda qed tiġi stmata nofs miljun.

## 39.4 Tenders

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkunu qed jinħarġu tenders għal Accountant u IT Accountant.

## 39.5 Informazzjoni Oħra

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se tkun qed tinġabar stima għal manutenzjoni tal-gazebo fi Ġnien George Hyzler.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'se jiġri dwar it-€23,000 relatati mal-permess tal-kiosk fi Vjal de la Cruz. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna parir legali.

Il-Kunsillier Sean Apap Meli staqsa x'sar dwar il-monumenti li kellhom isiru f'Ħal Qormi. Is-Sindku nfurma li se tkun qed issir Kompetizzjoni għall-artisti.

## 39.6 Performance Appraisal Reports

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda il-Performance Appraisal Report tal-Impjegati. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li l-impjegati jingħataw Performance Bonus kif indikat mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku talab li l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi diskuss wara l-laqgħa tal-Kunsill.

## 39.7 Mozzjonijiet

**Mozzjoni Nru 100 imressqa mill-Kunsillier Carmel Cuschieri**

Fuq suġġeriment ta' bosta residenti li jużaw b'mod regolari Triq San Bartolomew, minn Triq il-Vitorja għal Triq l-Imdina, liema triq hija waħda prinċipali u traffikuża.

Nipproponi li flimkien mas-Central line, jiġu nstallati 'cats eyes' fuq l-istess central line, sabiex jgħinu lis-sewwieqa jżommu l-karreġġjata, sabiex jiġi mnaqqas kemm jista' jkun it-traffiku.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Ivvutaw favur 8 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata.

**Mozzjoni Nru 101 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova dawn l-ismijiet ġodda ta' toroq fil-lokalita' sabiex jitressqu għall-attenzjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-toroq;

- Triq Tal-Ħammieri (bejn Triq ix-Xitwa u Wied is-Sewda) tissemma Triq il-Bonċ

- Triq il-Belt Valletta (minn Triq Ħ'Attard sa Triq il-Mitħna) tissemma' Triq

Dun Rene Ċilia

- Triq il-Mitħna (minn Triq San Franġisk sa’ Triq il-Masġar) tissemma’ Triq in-Nutar Antoine Agius

- Triq l-Għargħar (service road ma Triq il-Mitħna) tiġi estiża ma Triq in-Nutar Antoine Agius

- Pjazza San Franġisk (minn Triq il-Mitħna sa Triq il-Kbira) tissemma’ Triq Mro Abel J. Mizzi

- Triq il-Blata (minn Triq il-Wied sa Triq il-Kbira) tissemma’ Triq il-Kolleġġjata

- Sqaq fi Triq Tal-Ħammieri, magħruf bħala Sqaq Ta’ Santu Wistin jiġi rregolarizzat b’mod uffiċjali bl-istess isem, jiġifieri Sqaq ta’ Santu Wistin.

- Playingfield ta’ Fuq Tal-Blat jissemma’ Ġnien il-Piroteknika

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ssekonda.

Ivvutaw favur 8 kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata.

**Mozzjoni Nru 102 imressqa mill- Kunsiller Martina Grech**

Minħabba l-pandemija jidher li l-attivitajiet relatati mal-Karnival, se jerġgħu ikunu affetwati.

Għaldaqstant nissuġġerixxu li ssir kompetizzjoni għat-tfal.

Tfal bejn 3 snin u 5 snin – Tpinġija ta Maskri
Tfal bejn 6 snin u 8 snin – Jagħmlu maskra
Tfal bejn 9 snin u 15 il-sena – Karru żgħir tal-karnival magħmul b’materjal riċiklabbli.

Din il-kompetizzjoni tista’ ssir anke f’każ li t-tfal ikunu skola b’mod online.
B’hekk inkunu qed ngħinu sabiex jimtela’ l-ħin tat-tfal tagħna b’mod kreattiv, filwaqt li nżommu l-atmosfera tal-Karnival ħajja.

Il-premijiet ikunu kif ġej:

L-ewwel Premju għal kull kategorija  € 100 vouchers f'kotba
It-Tieni premju għal kull kategoirja € 50 vouchers f'kotba
It-tielet premju għal kull kategorija € 25 vouchers f'kotba.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Ivvutaw favur 8 kunsilliera preżenti.  Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata.

## 39.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 22 ta' Frar 2022, fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum 25 ta' Frar 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |